**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Mejju, 2018.**

**Talba Nru: 376/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Brian Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-18 ta' Awissu 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf, mija u ħamsa u ħamsin Ewro, sebgħa u sittin ċenteżmu (€1,155.67ċ) dovuta kwantu għas-somma ta' sitt mija, tnejn u sebgħin Ewro, tmienja u ħamsin ċenteżmu (€672.58ċ) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40222486, kwantu għas-somma ta' mitejn, wieħed u disgħin Ewro, tnejn u tletin ċenteżmu (€291.32ċ) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 40476310 u l-bilanċ ta' mija, wieħed u disgħin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€191.77ċ) in konnessjoni mas-servizzi migbura fil-kont numru 40470737, liema servizzi kienu ġew kuntrattati mas-soċjeta' Mobisle Communications Limited li, b'effett mid-19 ta' Diċembru 2015, ġiet amalgamata fis-soċjeta' attriċi, u dan wara li l-istess konvenut baqa' ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Is-soċjeta' attriċi talbet ukoll li l-konvenut jiġi

kundannat iħallas l-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 1224/16, u d-drittijiet, u l-imgħax legali mid-data tal-imsemmija ittra uffiċjali.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kont mertu ta' din il-kawża (Dok. A, fol. 2-5); (ii) kopja tal-kuntratt li l-konvenut kellu mas-soċjeta' attriċi (Dok. B1 sa B3, fol. 6-8); (iii) kopja taċ-ċertifikat tal-amalgamazzjoni tas-soċjeta' Mobisle Communications Ltd fis-soċjeta' attriċi (Dok. B4, fol. 9); (iv) kopja tal-ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 1226/16 (Dok. C, fol. 10); (v) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz dikjarat tal-konvenut (Dok. D, fol. 11).

Ra li l-konvenut kienet debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero' baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tas-17 ta' April 2018, Charmaine Psaila Raji għas-soċjeta' attriċi ddikjarat bil-ġurament li l-konvenut għadu debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma mitluba, u għar-raġunijiet indikati, f'din il-kawża.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta ampjament pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' ta' elf, mija u ħamsa u ħamsin Ewro, sebgħa u sittin ċenteżmu (€1,155.67ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**